MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

**Stqarrija għall-Aħbarijiet** | 17 ta' Marzu, 2016

# Titnieda l-ħames edizzjoni tal-MCA eBusiness Awards li jirrikonoxxu l-aħjar soluzjonijiet tal-kummerċ elettroniku żviluppati lokalment

Il-ħames edizzjoni tal -MCA eBusiness Awards ġew imnidija l-bieraħ l-Erbgħa 16 ta' Marzu 2016 waqt ċerimonja li saret ġewwa l-lukanda InterContinental, San Ġiljan. Proprju minn din l-edizzjoni, l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni se tibda żżomm din l-attività fl-ewwel kwart tas-sena biex tagħti ċans lill-parteċipanti sa tard l-aħħar kwart tas-sena ta' qabel biex jissottomettu n-nominazzjonijiet tagħhom.

L-MCA eBusiness Awards, li issa saru appuntament annwali importanti fil-kalendarju tal-attivitajiet f'Malta fejn tidħol teknoloġija tal-Informazzjoni u Komunikazzjoni, għandhom l-għan li jservu ta' vetrina u promozzjoni ta' ideat ġodda u tal-aħjar prattiċi fil-qasam tan-negozju eletroniku bħala wieħed mill-muturi ewlenin tal-ekonomija diġital Maltija. Fl-edizzjoni ta' din is-sena kien hemm 23 finalist minn tmien kategoriji varji, li minnhom kien hemm tnejn ġodda għal din l-edizzjoni – dawn kienu għall-aħjar Tech Start-up u l-aħjar sistema tal-ERP.

Mapfre Middlesea rebħu fil-kategorija għall-aħjar App permezz tal-app tagħhom Motormox App. Żviluppata minn Handson Systems din l-app hi prodott innovattiv tal-assigurazzjoni tal-vetturi li hija kapaċi tagħmel monitorjar tal-prestazzjoni tas-sewqan u jippremja s-sewwieqa bil-għaqal permezz ta' skonti vantaġġjużi fuq il-polza tal-assigurazzjoni tagħhom.

Għall-kategorija tal-aħjar applikazzjoni tal-B2B intrebħet mill-Bit8 bil-pjatforma tagħhom Hbit 8, li hija intiża għall-industrija globali tal-eGaming. Din s-soluzzjoni diġà ġiet addottata minn fost l-aqwa *casinos* internazzjonli f'50 pajjiz differenti.

It-tielet premju li ġie ippreżentat mar għand l-Elmo Insurance Ltd bi pjattaforma tal-assigurazzjoni li ġiet żviluppata minn Seasus Ltd.

Premju ieħor mar għand il-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura bi pjattaforma żviluppata minn ICON. Din s-soluzzjoni tieħu ħsieb l-immaniġjar tan-network nazzjonali tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi.

Il-premju għall-aħjar soluzzjoni tal-ERP, ġiet mirbuħa minn Foster Clark Products Ltd permezz tal-Microsoft Dynamix AX li ġiet żviluppata minn KPMG Crimsonwing .

L-aħjar proġett akkademiku fil-qasam tal-ICT b'tema tal-eBusiness intrebaħ mis-sinjorina Kelly Steer, studenta żagħżugħa mill-fakultà tal-ICT, li għamlet it-teżi tagħha dwar l-użu tal-media soċjali bħala bażi għall-inizjattivi promozzjonali.

Il-kategorija tal-aħjar Tech Start-up, intrebħet minn Hotjar. Din is-soluzzjoni tipprovdi analiżi dettaljata dwar l-użu tal-internet lil mhux inqas minn 100,000 utent fl-ewwel 8 xhur minn meta bdiet topera .

It-tmien u l-aħħar premju ġie mirbuħ mill-eCabs għall-kampanja tagħhom tal-medja soċjali li wettqu b'suċċess sabiex jagħtu dehra aħjar lill-kumpanija.

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: sharon.scerri@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840

Iċ-Ċermen tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Dr Edward Woods fl-indirizz tal-ftuħ li għamel saħaq fuq l-importanza tan-negozju eletroniku f'ambjent ekonomiku diġitali globali.

L-Onorevoli Dr Chris Cardona, għamel id-diskors tal-għeluq taċ-ċerimonja u fl-indirizz tiegħu, Dr Cardona elenka s-sinifikat ta' din l-attività li tippremja l-aħjar soluzzjoni għall-kwalità u l-innovazzjoni li twassal biex tkompli tinkoraġġixxi t-tkabbir tan-negozju elettroniku f'Malta, meqjus bħala wieħed mill-muturi ewlenin tal-ekonomija Maltija. 'Din l-industrija', saħaq Dr Cardona, 'jixirqilha l-għajnuna kollha tal-Gvern biex tkompli tiżviluppa għax din l-industrija mhux biss hija sors ewlieni li toffri opportunitajiet ta' impjiegi ta' kwalità għolja, iżda wkoll hija kontributur maġġuri għad-dħul nazzjonali' .

**Tmiem**

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: sharon.scerri@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840